KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES

PARLAMENT TA' MALTA

*Kap tal-Oppożizzjoni* *Leader of the Opposition*

8 ta' Jannar 2020

**Dott. George Hyzler**
**Kummissarju għall-iStandards fil-Ħajja Pubblika**
**11, Triq San Pawl,**
**Il-Belt Valletta VLT 1210**

Għażiż Dott. Hyzler,

Qiegħed niktiblek sabiex inressaq ilment dwar il-Prim Ministru Joseph Muscat.

Jirriżulta li l-Prim Ministru siefer għal vaganzi flimkien ma' martu u maż-żewġ uliedu f'Dubaj fl-Emirati Għarab Magħquda nhar il-Ġimgħa 27 ta' Diċembru 2019. Il-mezzi tax-xandir irrapurtaw li l-Prim Ministru flimkien mal-familja tiegħu ħallew Malta fuq titjira tal-Emirates Airlines u li huma kelllhom *first-class seats*. Minn dak li ġie rrapurtat u li jista' jiġi verifikat ma' diversi sorsi, il-prezz ta' dawn il-biljetti tal-ajru jlaħħaq l-għoxrin elf Ewro (€20,000)[1].

Ilbieraħ it-Tlieta 7 ta' Jannar 2020 il-Prim Ministru ġie mistoqsi mill-ġurnalista ta' The Times of Malta min ħallas għall-biljetti tal-ajru tiegħu lejn Dubaj. Għal din il-mistoqsija l-Prim Ministru wieġeb:

> *"It's none of your business! It's my personal... erm... private funds and naħseb aħjar tistaqsi għand min qegħdin l-arloġġi!"*[2]

Ilbieraħ ukoll, is-sit investigattiv theshiftnews.com irrapporta li l-biljetti tal-ajru tal-Prim Ministru u tal-membri tal-familji tiegħu nxtraw mill-Ġordon[3].

Sallum la l-Prim Ministru u wisq anqas l-Uffiċċju tal-Prim Ministru ma taw l-ebda spjegazzjoni sodisfaċenti għal kif ġew imħallsa l-imsemmija biljetti tal-ajru kif ukoll il-vaganzi ta' tlett ijiem f'Dubaj.

Kif żgur taf il-kwistjoni dwar rigali li jiġu offruti lil Membri Parlamentari u lill-Prim Ministri, Ministri u Segretarji Parlamentari hija regolata mill-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tal-Deputati kif ukoll mill-Kodiċi għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari li jinsab fit-Tieni Skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (Kap. 570 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tal-Deputati jipprovdi:

**5.** (2)Membru tal-Kamra tad-Deputati -

[...]

(b) ma għandux jaċċetta rigali mingħand persuni, gruppi jew kumpaniji li kellhom xi interess dirett jew indirett f'leġiżlazzjoni li tkun quddiem il-Kamra tad-Deputati;

[...]

---

1 https://timesofmalta.com/articles/view/joseph-muscat-and-family-head-to-dubai-on-holiday.759771 https://timesofmalta.com/articles/view/muscat-spent-fifth-of-70-hour-dubai-holiday-in-transit.760656
2 https://timesofmalta.com/articles/view/watch-dubai-trip-none-of-your-business-muscat.761508
3 https://theshiftnews.com/2020/01/07/tickets-to-dubai-for-joseph-muscats-family-were-purchased-in-jordan/

(d) li jkun għamel żjara barra minn Malta, li tkun ġiet imħallsa kollha kemm hi jew f'parti minnha minn xi persuna, grupp jew kumpanija li jkollha interess dirett f'leġiżlazzjoni li tkun quddiem il-Kamra, għandu jiddikjara dak il-fatt f'reġistru miżmum mill-iSpeaker għal dak l-għan uli jkun miftuħ għall-ispezzjoni tal-pubbliku;

Il-Kodiċi għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari jipprovdi:

**4.8** Il-Ministri m'għandhom jaċċettaw ebda rigali jew benefiċċji, salv kif provdut f'dan il-Kodiċi, li jistgħu jew jistgħu raġonevolment joħolqu impressjoni li qed jikkompromettu l-ġudizzju tagħhom jew li jpoġġuhom taħt xi obbligazzjoni mhux xierqa.

[...]

**8.4** Ebda Ministru m'għandu jaċċetta rigali, donazzjonijiet, ospitalità jew servizzi mingħand xi ħadd, li jistgħu jpoġġuh taħt obbligazzjoni lejn dik il-persuna jew persuni u dan għandu wkolljapplika għall-membri tal-familja immedjata tal-Ministru. F'każ ta'dubju għandu jiġi kkonsultat il-Prim Ministru.

Għaldaqstant filwaqt li qiegħed inressaq dan kollu għall-konsiderazzjoni tiegħek, ġentilment nitolbok twettaq investigazzjoni dwar jekk il-Prim Ministru Joseph Muscat kisirx dak li jipprovdi l-Kodiċi ta' Etika ta' Membri tal-Kamra tad-Deputati u/jew tal-Kodiċi għall-Ministri u -Segretarji Parlamentari u tasal għal dawk il-konklużjonijiet u tagħmel dawk ir-rakkomandazzjonijiet li jidhirlek li jkunu xierqa f'dan il-każ. Jiena nibqa' fi kwalunkwe ħin u ċirkostanzi dispost li nipprovdik bl-informazzjoni u bl-ispjegazzjonijiet li tista' tkun meħtieġ.

Inselli għalik,

**Adrian Delia**
**Kap tal-Oppożizzjoni**